# Mitt Sena Storja

minn Rachel Camilleri

Mitt sena gerrbu quddiem dawk għajnejk
u l-marka tagħhom stampaw fuq ħaddejk.
Sensiela żibeġ f'kullanet il-ħajja
xi minn daqqiet inżul u oħra tlajja'.
Rajt jitnaqqxu fuq qoxra kapitli, ġrajjiet,
li għanew 'il qalbek b'tertuqa tifkiriet.

Żgħożija mtappna bil-bombi qerrieda
bil-ġuħ, bil-għaks u s-sireni werżieqa.
Żgħożija mlewna bl-ilwien tal-imħabba,
ferħ u hena ta' familja titrabba.
Seba' teżori l-Mulej għoġbu jagħtik
li għadek tindokra sakemm saħħa jtik.

Mitt sena imżewqa bix-xewk u bil-ward
bl-inżul u bit-tlajja', bis-saħħa u l-mard.
Ġranet xemxija jew bis-sħab imċajprin
li b'għaqal sawwart f'mumenti hekk henjin.
L-arloġġ baqa' jtektek, iż-żmien baqa' għaddej
is-snin baqgħu jgerrbu, grazzi lill-Mulej.

U int bqajt bħal dejjem fl-ispirtu żagħżugħ
b'karattru ferrieħi li bosta jgħożżuh.
Dija ferrieħija ddawwal 'il għajnejk
tbissima dħulija tiżfen fuq xofftejk.
Lezzjoni għall-ħajja b'għemilek għallimt
int mudell tal-ħajja għal dawk li rawwimt.

Mitt sena gerrbu, bħal għosfru, żvintaw
u bosta għeżież illum m'għadhomx hawn,
għalkemm bqajt iġġorrhom miegħek kuljum
u tiftakar fihom jum wara jum.
U l-pendlu jixxengel ma jehda xejn,
sinjal li ż-żmien jibqa' dejjem għaddej.